MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 263/2002/1

**Citazzjoni numru 263/02 GC**

**Cathedral Library Limited**

**vs**

**Zamtrade Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta konveuta hija vera cert u likwidu debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' sittax il-elf mija hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm16,125) import ta' kambjala li skadiet fis-27 ta' Jannar 2002(Dok A);

Illi ghalkemm interpellata biex thallas dan l-ammont is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'iggib ghat-talbiet attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit (Dok B);

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

2. tiddikkjara lis-socjeta' konvenuta vera cert u likwidu debitrici tas-socjeta''attrici fis-somma ta' sittax il-elf mija u hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm 16,125) import ta' kambjala li skadiet fis-27 ta' Jannar 2002 (Dok A);

3. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma fuq indikata;

Bl-ispejjes u b'imghax legali mis-27 ta' Jannar 2002 kontra is-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' cessjoni tas-socjeta attrici li biha giet ceduta s-sorte pero nzamm ferm il-kap tal-ispejjez;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

In vista tal-imsemmija nota ta' cessjoni is-sorte gie cedut u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjruri tas-sorte. Jirrizulta mill-atti li l-ammont in kwestjoni thallas fil-mori tal-kawza u ghalhekk is-socjeta konvenuta

ghandha tigi kundannata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sorte u dan in vista tal-imsemmija nota ta' cessjoni u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.